A.L. 91 tal-2026

ATT DWAR IL-KUMPANIJI
(KAP. 386)

Regolamenti tal-2026 dwar Kumpaniji Privati Sportivi ta' Responsabbiltà Limitata

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 425(1)(s) tal-Att dwar il-Kumpaniji, il-Ministru responsabbli għar-reġistrazzjoni ta' soċjetajiet kummerċjali, f'konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni, l-isport, iż-żgħażagħ, ir-riċerka u l-innovazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 dwar Kumpaniji Privati Sportivi ta' Responsabbiltà Limitata.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra:

"Assoċjazzjoni Nazzjonali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport; Kap. 626.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Kumpaniji; Kap. 386.

"attività ekonomika" tfisser kull attività kif permessa taħt dawn ir-regolamenti, fejn kumpanija privata sportiva ta' responsabbilta limitata toffri oġġetti jew servizzi bi ħlas, mwettqa sabiex jiġġeneraw dħul b'appoġġ għall-operat, is-sostenibilita` jew l-iżvilupp tal-attivitajiet sportivi tagħha;

"Bord tal-Appelli għall-Isport" tfisser il-Bord tal-Appelli għall-Isport kif imwaqqaf bl-artikolu 47 tal-Att dwar l-Isports; Kap. 455.

"drittijiet ta' proprjetà intellettwali" tfisser kwalunkwe proprjetà intellettwali inkluż iżda mhux limitati għal, trademarks, speċifikament logos, emblemi u konfigurazzjonijiet tal-logo, privattivi, drittijiet tal-awtur, disinji industrijali, drittijiet tal-marka u l-kulur, u kwalunkwe dritt ta' proprjetà industrijali jew intellettwali anċillari ieħor relatat magħhom;

"klabb" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport; Kap. 626.

"kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata" tfisser kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata li għall-finijiet kollha għandha tkun kumpanija ffurmata u reġistrata skont l-Att;

"Qorti" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

"Reġistratur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att;

Kap. 626.

"Reġistru" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport.

Skop u attivitajiet ta' kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata.

3. (1) Kumpanija tista' tiġi ffurmata jew kostitwita bħala kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata li, f'dik il-kapacità, għandha tikkostitwixxi l-klabb reġistrat fir-Reġistru u għandha tkun responsabbli għat-tmexxija, l-operat u l-amministrazzjoni tiegħu.

(2) L-attivitajiet ekonomiċi ta' kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata għandhom ikunu ristretti unikament għall-ġestjoni, l-amministrazzjoni u l-operat ta' klabb, u għal tali attivitajiet oħra li huma strettament relatati magħhom.

(3) Kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata għandha tkun intitolata wkoll li:

(a) takkwista u żżomm ishma jew interessi biss f' kumpaniji jew entitajiet li l-attivitajiet tagħhom huma direttament relatati ma', jew huma anċillari għall-operat jew l-objettivi sportivi tal-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata, inkluż attivitajiet ekonomiċi li ma jiffurmawx parti mill-iskop sportiv primarju tal-kumpanija, sabiex tiġġenera dħul b'appoġġ għal dak il-għan, sakemm tali attivitajiet kollha jikkonformaw mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, u diment li l-kumpanija tikseb id-debita awtorizzazzjoni tal-Awtorita għall-Integrita fl-Isport Malti;

(b) tissellef, tiġbor jew tiżgura l-ħlas ta' flus għall-fini ta', jew b'konnessjoni man-negozju tal-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata;

(ċ) tixtri, tikri, tpartat, takkwista bi kwalunkwe titolu kwalunkwe proprjeta' u kwalunkwe dritt jew privileġġi jew servitu fuq, jew fir-rigward ta' kwalunkwe tali proprjeta' meħtieġa għat-twettiq tan-negozju tal-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata;

(d) tissottoskrivi, takkwista, iżżomm, jew tiddisponi minn ishma, stokks, obbligazzjonijiet, stokk ta' obbligazzjonijiet, bonds, noti, opzjonijiet, interessi fi, jew titoli oħra ta' kwalunkwe kumpanija, korporazzjoni, entita, sħubija, jew korp ieħor ta' persuni, sakemm tali korp ikun involut f'attivitajiet li huma direttament relatati, jappoġġaw, anċillari, jew jikkostitwixxu attivitajiet ekonomiċi permessi mwettqa b'appoġġ għan-negozju prinċipali tal-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata, u soġġett għall-osservanza tal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli;

(e) tirċievi minn kwalunkwe assi miżmuma mill-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata skont kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, dividendi, qligħ kapitali, imgħax u kwalunkwe introjtu ieħor miksub minn investimenti inkluż introjtu jew qligħ fuq id-disponiment tagħhom, kirjiet, royalties u introjtu simili kemm jekk jirriżultaw f'Malta kif ukoll barra minn Malta, u profitti jew qligħ attribwibbli lil stabbiliment permanenti, inkluża fergħa, kemm jekk jinsabu f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

(f) twettaq attivitajiet anċillari u relatati mal-eżekuzzjoni xierqa tal-attivitajiet ta' kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata.

(4) Kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata għandha tkun ipprojbita milli:

(a) jkollha ishma, jew li tkun b'xi mod ieħor relatata, direttament jew indirettament, ma' kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata oħra jew ma' klabb reġistrat mal-istess Assoċjazzjoni Nazzjonali, minbarra dak li miegħu l-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata partikolari tkun primarjament involuta;

(b) twettaq attivitajiet ta' logħob jew logħob tal-azzard:

Iżda l-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata ma għandhiex tkun prekluża milli tibbenefika permezz ta' sponsorizzazzjoni jew finanzjament simili billi tagħti forma ta' promozzjoni għal attivitajiet liċenzjati ta' logħob;

(ċ) topera bħala kumpanija holding billi takkwista jew iżżomm interessi ta' kontroll f'entitajiet li l-attivitajiet prinċipali tagħhom mhumiex relatati man-negozju ewlieni tal-kumpanija;

(d) tagħti, toħroġ, tavvanza, jew tqiegħed għad-

dispożizzjoni b'xi mod ieħor, kemm direttament jew indirettament, kwalunkwe self, faċilita ta' kreditu, avvanz, garanzija, jew forma oħra ta' assistenza finanzjarja lil kwalunkwe persuna.

(5) L-azzjonisti li, kemm jekk individwalment kif ukoll jekk jaġixxu flimkien, jistgħu jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata, ma għandu jkollhom, direttament jew indirettament, l-ebda interess proprjetarju, rwol maniġerjali, jew pożizzjoni oħra ta' influwenza fi klabb ieħor jew f'kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata li jipparteċipaw fl-istess sport taħt l-istess Assoċjazzjoni Nazzjonali, fejn tali interess jista' jagħti lok għal kunflitt ta' interess jew perċezzjoni ta' integrita sportiva kompromessa. L-assessjar ta' dawn il-konflitti għandu jaqa' taħt il-kompetenza tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti skont l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport.

Kap. 626.

(6) L-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti għandu jkollha s-setgħa li tissorvelja l-osservanza minn kumpaniji privati sportivi ta' responsabbiltà limitata mal-għanijiet legali tagħhom, il-liġi applikabbli, u l-obbligi ta' governanza. Meta jiġi identifikat nuqqas ta' osservanza tal-liġi, l-imsemmija Awtorità għandha tieħu dawk il-passi li huma espressament permessi skont l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport.

Kap. 626.

Sħubija u sjieda ta' kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata.

4. (1) Il-membri tal-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata jistgħu jkunu kumpaniji, fondazzjonijiet, assoċjazzjonijiet u korporazzjonijiet oħra, kif ukoll persuni fiżiċi.

(2) Kwalunkwe persuna li hija, jew tipproponi li ssir, azzjonista, sid benefiċjarju, direttur, jew persuna li teżerċita influwenza sinifikanti fuq kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata għandha tkun persuna kompetenti u xierqa, skont l-istandards ta' governanza applikabbli.

(3) Għall-finijiet ta' dan ir-regolamenti, l-evalwazzjoni ta' jekk persuna tkunx idonea għandha ssir skont il-Kodiċi ta' Governanza tajba maħruġ mill-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien.

(4) Kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata għandha, qabel ir-reġistrazzjoni u fuq bażi regolari sussegwenti għar-reġistrazzjoni, tiżgura l-osservanza tal-Kodiċi ta' Governanza tajba msemmi fis-subregolament (3).

(5) Meta persuna tinstab li ma tissodisfax ir-rekwiżiti xierqa taħt il-Kodiċi ta' Governanza tajba, l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti, tista' teżiġi lill-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà

limitata sabiex tieħu azzjoni ta' rimedju xierqa fi żmien stipulat mill-istess Awtorità.

(6) Kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata għandha tikkonsisti f'mill-anqas żewġ (2) u mhux aktar minn ħamsin (50) azzjonist, kif ġej:

(a) klassi msemmija "Klassi A", li tikkonsisti minn azzjonist wieħed (1) jew aktar, liema azzjonisti jistgħu jkunu jew soċjetà kummerċjali, jew persuna naturali; u

(b) klassi oħra msemmija "Klassi B", li tikkonsisti minn azzjonist wieħed (1), li jista' jkun jew assoċjazzjoni jew fondazzjoni, liema entità għandha tkun organizzazzjoni mhux għal profitt, u reġistrata bħala organizzazzjoni volontarja skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji. Kap. 492.

(7) L-azzjonisti tal-klassi A ma għandhomx kollettivament ikunu intitolati:

(a) li jkollhom aktar minn disgħin fil-mija (90%) tal-kapital azzjonarju fil-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata;

(b) li jkollhom aktar minn disgħin fil-mija (90%) tad-drittijiet tal-vot fil-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata;

(ċ) li jinnominaw aktar minn disgħin fil-mija (90%) tal-membri tal-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata.

(8) L-azzjonisti tal-Klassi B għandhom kollettivament ikunu intitolati għal mhux anqas minn għaxra fil-mija (10%) ta' kull wieħed mid-drittijiet imsemmija fis-subregolament (7) fil-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata partikolari.

Isem u reġistrazzjoni ta' kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata.

5. (1) L-isem ta' kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata għandu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att, jinkludi l-espressjoni "kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata" jew "KPSRL".

(2) Minbarra l-memorandum u l-artikoli ta' assoċjazzjoni għall-formazzjoni ta' kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata, l-imsemmija kumpanija għandha tippreżenta d-dokumenti li ġejjin lir-Reġistratur tal-kumpaniji:

(a) ċertifikat ta' reġistrazzjoni li jikkonferma reġistrazzjoni jew approvazzjoni fil-prinċipju, maħruġa mill-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti skont l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport;

Kap. 626.

(b) dokument li jikkonferma li l-kapital azzjonarju ġie depożitat, maħruġ minn bank jew istituzzjoni finanzjarja liċenzjata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

(ċ) ċertifikat ta' reġistrazzjoni li jikkonferma reġistrazzjoni jew approvazzjoni fil-prinċipju, maħruġa mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali rikonoxxuta f'Malta, jekk applikabbli;

(d) kwalunkwe dokument ieħor, li r-Reġistratur tal-kumpaniji jista' jeħtieġ skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

(3) Meta klabb eżistenti jkun intenzjonat li jiġi reġistrat bħala kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata, l-imsemmija dokumenti addizzjonali li ġejjin għandhom ikunu meħtieġa wkoll:

(a) ċertifikat ta' reġistrazzjoni ġdid maħruġ mill-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti skont l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport;

Kap. 626.

(b) ċertifikat ta' iskrizzjoni maħruġ mill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji skont l-artikolu 14 tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji;

Kap. 492.

(ċ) kwalunkwe dokument ieħor li r-Reġistratur jista' jeħtieġ skont iċ-ċirkostanzi tal-każ.

(4) Meta r-Reġistratur jirċievi d-dokumenti kollha għar-reġistrazzjoni tal-imsemmija kumpanija, għandu minnufih jirreġistrahom proviżorjament, u meta jiskadu tliet (3) xhur mill-pubblikazzjoni tal-avviż imsemmi fl-artikolu 401(1)(e) tal-Att, ir-Reġistratur għandu jirreġistra b'mod permanenti l-isem tal-kumpanija fir-Reġistru:

Iżda l-Qorti tista', fuq rikors ippreżentat matul l-imsemmi żmien ta' tliet (3) xhur minn kwalunkwe parti interessata li jidhrilha l-Qorti li għandha interess, tagħmel ordni li tiddifferixxi d-data li fiha l-isem tal-kumpanija għandu jiġi reġistrat fir-Reġistru jew li tiċħad ir-reġistrazzjoni tal-isem tal-kumpanija.

(5) Meta tingħata ordni mill-Qorti skont il-proviso tas-subartikolu (4), ir-Reġistratur tal-Qrati għandu minnufih jibgħat kopja tagħha lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni u r-Reġistratur għandu jiddifferixxi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tas-subregolament

(4) skont l-ordni mogħtija mill-Qorti msemmija fl-imsemmi regolament. Fil-każ li l-Qorti tilqa' t-talba tal-parti interessata sabiex l-imsemmija kumpanija ma tiġix reġistrata, ir-Reġistratur għandu jħassar l-isem ta' tali kumpanija minnufih.

(6) Kwalunkwe abbuż minn kwalunkwe persuna tal-identifikazzjoni "kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata" jew "KPSRL", kif determinat mill-Bord tal-Appelli għall-Isport, għandu jirriżulta fl-iskwalifika ta' tali persuna, għal perjodu li ma jeċċedix sentejn (2), minn kwalunkwe involviment fi kwalunkwe kumpanija sportiva ta' responsabbiltà limitata oħra, klabb sportiv, Federazzjoni Nazzjonali, Assoċjazzjoni Nazzjonali jew operatur, kif dawn it-termini huma mfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport. Kap. 626.

Reġistrazzjoni ta' klabb eżistenti f'kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata.

6. (1) Klabb eżistenti jista', soġġett għall-osservanza tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti, jiġi reġistrat bħala kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata.

(2) Mar-reġistrazzjoni tagħha, il-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata tikseb personalità ġuridika sħiħa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att, u għandha tassumi r-responsabbiltajiet kollha relatati mal-ġestjoni, l-operat u l-amministrazzjoni tal-klabb b'effett mid-data tar-reġistrazzjoni mar-Reġistratur.

(3) Mar-reġistrazzjoni tal-klabb bħala kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata, id-drittijiet, l-interessi, il-privileġġi, l-assi, l-obbligazzjonijiet, u l-obbligi kollha tal-klabb, kemm jekk attwali, kontinġenti jew akkumulati, għandhom ikunu vestiti fil-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata b'osservanza sħiħa tal-liġi applikabbli:

Iżda meta xi dritt jew obbligu li jkun hemm bejn il-klabb u parti terza jkun, skont il-liġi applikabbli, jeħtieġ il-kunsens bil-miktub preċedenti jew l-eżekuzzjoni ta' kuntratt iffirmat minn dik il-parti terza sabiex ikun jista' jsir it-trasferiment tiegħu, il-klabb għandu jikseb dak il-kunsens jew jeżegwixxi dak il-kuntratt qabel ir-reġistrazzjoni tal-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata:

Iżda wkoll ma jkun meħtieġ l-ebda kunsens jew eżekuzzjoni preċedenti ta' xi strument meta d-drittijiet, l-interessi, il-privileġġi, l-assi, ir-responsabbiltajiet, jew l-obbligi ma jkunux mibdula, danneġġati, jew b'xi mod ieħor affettwati mir-reġistrazzjoni tal-klabb bħala kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata, u tali drittijiet u obbligi għandhom ikomplu fis-seħħ bis-sħiħ skont il-liġi applikabbli.

(4) Kwalunkwe għajnuna finanzjarja, dritt ta' sjieda jew konċessjoni mogħtija lil klabb minn awtorità pubblika għandha, mar-reġistrazzjoni tagħha bħala kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata, tkun regolata minn, u soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi, l-Att dwar il-Kompetizzjoni, u r-Regolamenti dwar is-Sorveljanza fuq l-Għajnuna Mogħtija mill-Istat u l-Att, skont il-każ:

Kap. 601.
Kap. 379.
L.S. 325.07.

Iżda l-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata għandha tiżgura l-osservanza ma' kwalunkwe kondizzjoni marbuta ma' tali għajnuna jew appoġġ.

Votazzjoni u deċiżjonijiet f'kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata.

7. Il-votazzjoni fi ħdan il-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata għandha tkun regolata mill-memorandum u l-artikoli ta' assoċjazzjoni, li għandhom jiddeterminaw il-metodu li bih id-deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu minn żmien għal żmien, madankollu deċiżjoni unanima mill-azzjonisti tal-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata preżenti u li jivvutaw għandha tkun meħtieġa sabiex:

(a) timmodifika l-memorandum u l-artikoli ta' assoċjazzjoni ta' kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata;

(b) timmodifika n-numru ta' voti allokati lil kull azzjonist;

(ċ) timmodifika l-mod li bih jittieħdu d-deċiżjonijiet;

(d) tibdel kwalunkwe obbligu ieħor ta' azzjonist, sakemm ma jkunx provdut xort'oħra mill-memorandum u l-artikoli ta' assoċjazzjoni;

(e) tagħmel kwalunkwe tibdiliet li b'xi mod jolqtu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tal-klabb;

(f) tawtorizza azzjonist tal-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata li juża l-parteċipazzjoni tiegħu bħala garanzija permezz ta' rahan ta' ishma;

(g) tirtira l-affiljazzjoni tagħha bħala klabb mal-Assoċjazzjoni Nazzjonali:

Iżda fil-każ li ma tinkiseb l-ebda deċiżjoni unanima wara l-proċess tal-votazzjoni, il-bidliet proposti ma għandhomx jingħataw effett.

Obbligi oħra ta' kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata.

8. Bla ħsara għal kwalunkwe obbligu ieħor skont l-Att, il-kumpanija privata sportiva ta' responsabbiltà limitata għandha:

(a) mar-reġistrazzjoni u matul l-eżistenza tagħha jkollha minimu ta' direttur Malti wieħed (1) li huwa ordinarjament residenti f'Malta matul il-perjodu kollu li fih ikun direttur tal-istess kumpanija;

(b) kif ikun raġonevolment prattikabbli u fi kwalunkwe każ, sa mhux aktar tard minn sena (1) mir-reġistrazzjoni tal-imsemmija kumpanija, għandha topera kont bankarju ma' bank jew istituzzjoni finanzjarja liċenzjati f'Malta; u

(ċ) fi kwalunkwe każ ta' nuqqas tar-rekwiżiti ta' dan ir-regolament determinat mill-Bord tal-Appelli għall-Isport, hija għandha teħel penali ta' mhux aktar minn mitt euro (€100) għal kull jum li matulu jissussisti n-nuqqas, kif determinat mill-imsemmi Bord u wara perjodu ta' xahar ta' non-osservanza tal-imsemmija rekwiżiti, ir-Reġistratur għandu d-dritt li jiskatta l-proċedura skont l-artikolu 218 tal-Att.